III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2007/338/PESK

ta' l-14 ta' Mejju 2007

li ġġedded ċerti miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2005/792/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan [1] bħala rispons għall-użu ta' forza eċċessiv, sproporzjonat u indiskriminat mill-forzi tas-sigurtà Uzbeki matul l-avvenimenti f'Andijan f'Mejju 2005. Ċerti miżuri restrittivi kienu mġedda bil-Pożizzjoni Komuni 2006/787/PESK tat-13 ta' Novembru 2006 [2].

(2) Fid-dawl ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fl-Uzbekistan, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-miżuri restrittivi fuq l-ammissjoni fir-rigward ta' persuni speċifiċi għal perijodu ta' sitt xhur. Matul dan il-perijodu, il-Kunsill ser jirrivedi l-miżuri fid-dawl ta' kwalunkwe bidla sinifikattiva għas-sitwazzjoni attwali, b'mod partikolari rigward l-elementi deskritti fil-premessa (7) tal-Pożizzjoni Komuni 2005/792/PESK,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-miżuri mniżżlin fl-Artikoli 3 tal-Pożizzjoni Komuni 2005/792/PESK huma b'dan estiżi għal perijodu ta' sitt xhur. Huma japplikaw għall-individwi elenkati fl-Anness għal din il-pożizzjoni komuni, li huma direttament responsabbli għall-użu ta' forza indiskriminat u sproporzjonat f'Andijan u t-tfixkil ta' inkjesta indipendenti.

Artikolu 2

Din il-pożizzjoni komuni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hi għandha tiġi mġedda, jew emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ġewx sodisfatti.

Artikolu 3

Din il-pożizzjoni komuni għandha tidħol b'effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din il-pożizzjoni komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Mejju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F.-W. STEINMEIER

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2005, p. 72.
[2] ĠU L 318, 17.11.2006, p. 43.

ANNESS

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1

1. **Kunjom, Isem:** Almatov, Zakirjan

   Sess: Raġel

   Titolu, Funzjoni: ex-Ministru ta' l-Intern

   Indirizz: Tashkent, Uzbekistan

   Data ta' twelid: 10 ta' Ottubru 1949

   Post ta' twelid: Tashkent, Uzbekistan

   Numru tal-Passaport jew tal-Karta ta' l-Identità: Passaport nru DA 0002600 (Ppt diplomatiku)

   Nazzjonalità: Uzbeka

2. **Kunjom, Isem:** Mullajonov, Tokhir Okhunovich

   Psewdonimu: Il-kunjom jista' jinkiteb ukoll: Mullajanov

   Sess: Raġel

   Titolu, Funzjoni: ex-Deputat Prim Ministru ta' l-Intern

   Indirizz: Tashkent, Uzbekistan

   Data ta' twelid: 10 ta' Ottubru 1950

   Post ta' twelid: Ferghana, Uzbekistan

   Numru tal-Passaport jew tal-Karta ta' l-Identità: Passaport nru DA 0003586 (Ppt diplomatiku) jiskadi fil-5 ta' Novembru 2009

   Nazzjonalità: Uzbeka

3. **Kunjom, Isem:** Mirzaev, Ruslan

   Sess: Raġel

   Titolu, Funzjoni: Ministru tad-Difiża, ex-Konsulent ta' l-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali

4. **Kunjom, Isem:** Pavel Islamovich Ergashev

   Sess: Raġel

   Titolu, Funzjoni: Kurunell, Kmandant tal-Brigata Militari "Ċentrali"

5. **Kunjom, Isem:** Mamo, Vladimir Adolfovich

   Sess: Raġel

   Titolu, Funzjoni: Ġeneral Maġġur, Deputat Kmandant, Brigata tal-Forzi Speċjali tal-Ministeru tad-Difiża

6. **Kunjom, Isem:** Pak, Gregori

   Sess: Raġel

   Titolu, Funzjoni: Kurunell, Kmandant tal-brigata ta' reazzjoni rapida tal-Ministeru ta' l-Intern (unità 7332)

7. **Kunjom, Isem:** Tadzhiev, Valeri

   Sess: Raġel

   Titolu, Funzjoni: Kurunell, Kmandant tal-Forzi Speċjali ta' Stakkament Awtonomu tal-Ministeru ta' l-Intern (unità 7351)

8. **Kunjom, Isem:** Inoyatov, Rustam Raulovich

Sess: Raġel

Titolu, Funzjoni: Kap ta' l-SNB (Servizz ta' Sigurtà Nazzjonali)

Indirizz: Tashkent, Uzbekistan

Data ta' twelid: 22 ta' Ġunju 1944

Post ta' twelid: Sherabad, Uzbekistan

Numru tal-Passaport jew tal-Karta ta' l-Identità: Passaport Nru DA 0003171 (Ppt diplomatiku); ukoll passaport diplomatiku Nru 0001892 (skadut fil-15 ta' Settembru 2004)

Nazzjonalità: Uzbeka